**12 ta' Diċembru, 1997**

**Imħallef:-**

## Onor. Noel V. Arrigo LL.D.

Nicholas *sive* Lino Debono u Maria Dolores *sive* Doris Debono

*versus*

Periti Vincent Cassar, bħala Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet u Lino Zammit bħala Manager inkarigat mit-Toroq u Joseph Borg u Emanuel Vella, bħala Diretturi f'isem u għan-nom tad-ditta Offcentre Building Services Ltd.

## Danni - Formazzjoni fil-Linja tat-Triq - Żball

*Il-Qorti kkundannat lill-konvenuti jħallsu danni minħabba ħsara minnhom ikkaġunata lill-atturi fi żball fil-linja tat-triq li wasslet li parti mill-proprjeta tagħhom tiġi żmembrata u meħuda għall-formazzjoni tat-triq u dan mingħajr kunsens ta' l-atturi u mingħajr il-proċess rikjest mil-liġi.*

Il-Qorti:-

Din iċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata fit-22 ta' April, 1994;

Fil-premessi l-atturi jsostnu li jipprosjedu art u beni f'Wied il-Għajn fl-art imsejħa Ġebel Ħanxul;

Il-konvenuti għamlu u qed jagħmlu xogħol dwar żvilupp tat-toroq f'dan l-inħawi. Invadew il-proprjetà ta' l-atturi mingħajr il-permess tagħhom jew mingħajr il-fakoltà tal-liġi dwar esproprazzjoni u b'hekk ikkaġunaw u sejrin jikkaġunaw danni lill-atturi;

Talbu għalhekk li dina l-Qorti:

Tirrintegra lill-atturi fil-pussess ta' l-istess immobbli msemmija;

Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli *in solidum*, jew le, għad-danni sofferti u li qed isofru l-atturi fil-proprjetà tagħhom immobbli, kemm dawk mibnija kif ukoll fl-art tagħhom;

Tikkundanna lill-konvenuti jagħmlu tajjeb għad-danni kollha minnhom ikkawżati fi żmien qasir u perentorju li għandhom jiġu llikwidati, okkorrendo, permezz ta' periti *nominandi* u fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi jagħmlu dak kollu meħtieġ huma għas-spejjeż tal-konvenuti;

Tikkonferma l-mandat ta' inibizzjoni numru 158/94;

Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali kontra l-konvenuti;

B'rikors tal-15 ta' Settembru, 1994 l-atturi talbu għalhekk li din il-kawża tinstema' bl-urġenza. Din il-Qorti kif diversament presjeduta laqgħet it-talba u appuntata għas-smigħ għat-12 ta' Diċembru, 1994;

Jirriżulta aktar ċar minn dan ir-rikors, milli rriżulta miċ-ċitazzjoni u dikjarazzjoni ġuramentata illi l-atturi kienu talbu l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-konvenuti, li kien ġie akkolt, però il-konvenuti baqgħu skond l-atturi nonostante għaddejjin bix-xogħol;

Il-konvenuti Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet u d-Direttur inkarigat mit-toroq fil-Ministeru ta' l-Ambjent għamlu l-eċċezzjonijiet tagħhom fis-17 ta' Ottubru, 1994 fejn eċċepew:

Illi huwa ġie mħarrek inutilment u għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

Illi l-kawża odjerna hija intempestiva stante li l-kontendenti kienu għadhom fi trattativi sostanzjali fil-mument meta ġiet intavolata l-kawża odjerna;

Illi assolutament mhux minnu li l-esponenti b'xi mod komplew bix-xogħlijiet wara li huma kienu ġew inibiti mill-Qorti milli jkomplu b'dawk ix-xogħlijiet;

Wara rikors ieħor ta' l-atturi ta' l-20 ta' Ottubru, 1994, il-kawża ġiet rikjamata għas-smigħ għas-seduta tas-7 ta' Novembru, 1994. F'din is-seduta bi qbil bejn il-partijiet ġie nnominat l-A.I.C. Renè Buttigieg bħala perit tekniku biex jiġbor il-provi u jirrelata u dan minkejja li kien tqabbad bonarjament bejn l-istess partijiet fi stadju anteċedenti meta kienu qegħdin jikkoltivaw transazzjoni;

Il-parti l-kbira tal-provi attriċi ġew proposti permezz ta' affidavits. Dak ta' Dr. Thomas Abela fis-7 ta' Diċembru, 1994, kif ukoll dak in-nhar ta' l-attur Nicholas Debono. Fost affarijiet oħra dan l-attur isostni illi l-avukati rispettivi kienu qablu li ssir relazzjoni mill-A.I.C. Renè Buttigieg dwar il-valur ta' l-art okkupata mill-konvenuti u dan bil-ftehim li l-partijiet joqgħodu fuq din ir-relazzjoni;

Minkejja li din ir-relazzjoni ġiet ippreżentata, l-ftehim ma sarx. Ma' l-affidavit jesebixxu ukoll kopja ta' l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni li fih kien ġie inkarigat mill-Qorti, biex jirrelata, l-A.I.C. Anthony Bailey, li kien ippreżenta rapport favorevoli għall-atturi fit-8 ta' April, 1994, ovvjament, f'dak l-istadju, għall-fini tal-Mandat ta' Inibizzjoni;

Fit-22 ta' Frar, 1995 xehed bl-affidavit l-attur Nicholas Debono u b'nota ta' l-istess data ġew esebiti diversi dokumenti mill-istess atturi li jirreferu għad-danni sofferti minnhom liema dokumenti jinkludu diversi kopji ta' ritratti tal-lokalità in kwistjoni u tad-danni sofferti (fol. 49, 50 u 51 tal-proċess);

Fid-19 ta' Ġunju, 1995 l-atturi ppreżentaw nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti rat ukoll din in-nota, minkejja li kienet immirata prinċipalment a konjizjoni tal-Perit Tekniku biex jikkonsidraha qabel ma rrelata. Il-konvenuti m'għamlux nota responsiva u wara talba ta' l-atturi ta' l-10 ta' Awissu, 1995, b'digriet tal-11 ta' Awissu, 1995, il-Perit Tekniku ġie awtorizzat jirrelata;

B'nota tas-26 ta' Jannar, 1996, l-atturi esibew diversi dokumenti oħra. Dak l-aktar relevanti huwa kopja tar-rapport ta' l-A.I.C. Renè Buttigieg ta' l-4 ta' Lulju, 1994 li fuqa kellha ssir it-transazzjoni;

Il-kawża ġiet differita għal quddiem din il-Qorti kif presjeduta għas-17 ta' April, 1996. Fit-12 ta' Lulju, 1996 il-Perit Tekniku ħalef ir-relazzjoni u l-kawża ġiet differita għall-eżami tar-rapport u trattazzjoni finali għat-8 ta' Novembru, 1996;

Effettivament dan l-eżami u trattazzjoni finali ma sarux. L-attur kien laħaq ippreżenta nota ta' osservazzjonijiet oħra fil-31 ta' Ottubru, 1996 u l-Qorti għalhekk akkordat żmien sal-31 ta' Diċembru, 1996 lill-konvenuti biex jippreżentaw in-nota responsiva tagħhom. Mhux talli però din ma saritx talli fis-seduta tat-13 ta' Jannar, 1997 dehru l-avukati taż-żewġ partijiet li rrimettew ruħhom għar-rapport;

Fir-rapport tiegħu l-Perit Tekniku, wara li kkonstata dik li

kellha tkun il-linja tat-triq u wara li għamel *survey* tal-lokal, u kkompara l-ħajt mibni mill-konvenuti bħala l-konfini ta' l-art ta' l-atturi, ma' pjanti uffiċjali li kellu fil-pussess tiegħu (esebiti bħala Dok. RB5 u RB6 a fol. 101 - 102 tal-proċess), wasal għall-konklużjoni li:

**"Għaldaqstant jirriżulta illi ġiet żmembrata parti mill-art ta' l-atturi li ġiet inkorporata fit-triq kif mibnija mill-konvenut"**;

Mill-provi miġbura jirriżulta illi din l-invażjoni fuq il-proprjetà ta' l-atturi saret mingħajr permess tagħhom u mingħajr li kienu ttieħdu il-provvedimenti relattivi skond il-liġi għal dan il-għan. Loġikament il-Qorti taqbel mal-Perit Tekniku li dan ma setax ikun mod ieħor, peress illi skond il-konvenuti ebda parti mill-proprjetà ta' l-atturi ma ġiet inkorporata fit-triq;

Jingħad illi mill-provi jirriżulta ukoll illi fis-6 ta' Jannar, 1995 kien intlaħaq ftehim bejn il-partijiet biex il-konvenuti jagħmlu xi xogħol rimedjali taħt is-superviżjoni ta' l-istess Perit Tekniku biex titnaqqas il-ħsara li kien qed jallega li kienet qed issirilhom l-attur;

Skond l-istess Perit Tekniku qabel ma saru dawn ix-xogħlijiet rimedjali kienet qed issir ħsara sia fuq ir-razzett, sia fuq l-art, proprjetà ta' l-atturi kaġun ta' l-effetti ta' l-ilma tax-xita li kienet tinżel fi Triq Salvu Buhagiar. Fil-fehma tiegħu din il-ħsara kienet tikkonsisti fl-ammont ta' Lm743, għal mobbli li kienu jeżistu f'parti mir-razzett mentri għamel stima fl-ammont ta' Lm720 għal ħsara sofferta fl-immobbli (Lm50 għal ħsara fuq l-art, Lm670 għal ħsara fuq parti oħra tar-razzett);

Skond l-istess perit mhuwiex minnu illi l-konvenuti ma obdewx l-ordni tal-Qorti fil-mandat ta' inibizzjoni u komplew

bix-xogħlijiet. L-atturi, din il-konklużjoni ma jaqblux magħhom u fit-tieni nota ta' osservazzjonijiet tagħhom jikkritikawha;

Ta' aktar relevanza però huwa l-fatt illi l-istess Perit Tekniku ma għamilx stima ta' l-art li ġiet żmembrata u nkorporata fit-triq fir-rapport li huwa ħalef quddiem il-Qorti. Huwa però f'dan ir-rapport jagħmel referenza għar-rapport l-ieħor tiegħu ta' l-4 ta' Lulju, 1994, fejn din l-art kienet ġiet stmata. Fin-nota tagħhom tal-31 ta' Ottubru, 1996 l-atturi jirrimettu ruħhom għall-istima li kienet saret fl-4 ta' Lulju, 1994. Kif intqal għal din in-nota ma saret ebda nota responsiva mill-konvenuti u mkien mill-atti proċesswalli ma jidher illi din l-istima ġiet b'xi mod kontestata mill-konvenuti u għalhekk f'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti sejra tqis din l-istima bħala waħda valida mil-lat tekniku, in vista ukoll tal-fatt li minn mindu saret għaddew il-fuq minn tliet snin;

Jingħad finalment għal kull buon fini li s-soċjetà konvenuta Offcentre Building Services Limited m'għamlitx nota ta' eċċezzjonijiet u għalhekk baqgħet kontumaċi;

Ikkunsidrat:

L-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili - Kap. 16, jipprovdi li kull min jagħmel ħsara iwieġeb għall-ħsara li jagħmel. Jirriżulta fil-każ preżenti illi l-ħsara li saret lill-atturi tikkonsisti fi żball tal-linja tat-triq li waslet li parti mill-proprjetà tagħhom tiġi żmembrata u meħuda għal formazzjoni tat-triq, u dana mingħajr kunsens tagħhom u mingħajr dak il-proċess rikjest mil-liġi;

Il-ħsara però tikkonsisti ukoll fi ħsarat oħra li saru riżultat ta' kif inbniet it-triq u din il-ħsara saret fuq proprjetà mobbiljari u immobbiljari ta' l-atturi. Li l-konvenuti setgħu evitaw din il-ħsara, jemerġi mill-fatt li ma baqgħetx tiġi kkaġunata wara li

saru x-xogħlijiet rimedjali;

Huwa ovvju illi dik il-parti ta' l-immobbli li saret parti mit-triq, ma tistax tiġi ri-integrata fil-pussess ta' l-atturi u allura għandhom jiġu kkompensati ta' dik il-parti li ġiet hekk żmembrata. Jidher ċar min-nota tagħhom li dan huwa anke aċċettat minnhom peress illi kif intqal irrimettew ruħhom għall-istima tal-perit fl-ewwel rapport tiegħu;

Minkejja illi l-Qorti hija konvinta li ebda wieħed mill-konvenuti ma aġixxa b'mod doluż, hija mhijiex f'posizzjoni tistabbilixxi liema parti għamlet liema biċċa tal-ħsara u għalhekk sejra tapplika l-provvediment ta' l-artikolu 1050 - Kapitolu 16 tal-Kodiċi Ċivili;

Dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu lill-Qorti biex:

Tastjeni għar-raġunijiet fuq mogħtija milli tieħu konjizzjoni ta' l-ewwel talba u tiddikjara lill-konvenuti responsabbli *in solidum* għad-danni sofferti mill-atturi u tillikwida dawn id-danni fl-ammont ta' Lm18,000 bħala valur ta' dik il-parti ta' l-art li ġiet żmembrata, maqsum in kwantu għal Lm7,000 għal plot A u Lm11,000 għal plot B u dana kif deskritt mill-perit tekniku fl-ewwel rapport a fol. 65 tal-proċess;

Tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm1,463 għal danni oħra sofferti mill-atturi fuq mobbli u immobbli proprjetà tagħhom kif fuq spjegat;

Total għalhekk ta' Lm19,463 (dsatax-il elf, erba' mija u tlieta u sittin lira Maltija);

Għal fini ta' din it-talba tiddikjara li wara x-xogħol

rimedjali l-atturi mhumiex qed isofru aktar danni fil-proprjetà tagħhom;

Tikkundanna lill-konvenuti biex iħallsu d-danni ta' Lm19,463 bħala kumpens lill-atturi għad-danni minnhom sofferti u tiddikjara illi x-xogħol rimedjali li kellu jsir sar u għalhekk ma hemmx għalfejn tesprimi ruħha fuq it-tieni parti ta' din it-talba;

Finalment ma jidhrilhiex li huwa l-każ taħt dawn iċ-ċirkostanzi li jiġi kkonfermat il-mandat ta' inibizzjoni stante illi jiġi ripetut, wara x-xogħol rimedjali ma jidhirx li qed jiġu kkaġunati aktar danni lill-atturi;

Bl-ispejjeż kif mitluba u bl-imgħax legali mil-lum kontra l-konvenuti b'mod solidali.